MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Numru 803/1999

Il-Pulizija
(Spettur John Sacco)
(Spettur Simon Galea)
vs
Carmel sive Charles Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Carmel sive Charles Farrugia, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 588141(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-26 ta' Lulju 1998 ghall-habta ta' 13.35 hrs f'B'Kara bil-hsieb li jaghmel hsara lil Noel Farrugia akkuza lil din il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti;

Aktar talli bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra,m

bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

Il-Qorti ghandha, meta tikkundanna lill-hati ghad-delitti imsemmija f'dan is-sub titolu tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-gustizzja u bhala perit, f'kull kaz li jkun;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat meta kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali fl-10 ta' Marzu, 2000 kien wiegeb li kien hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, izda waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu tas-sena 2000 l-Avukat difensur tieghu kien talab lill-Qorti sabiex l-imputat ikun jista jirtira din l-ammissjoni tieghu billi jwiegeb illi mhuwiex hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana peress illi meta giet irregistrata din l-ammissjoni quddiem din il-Qorti diversament presjeduta l-Avukat difensur ta' l-imputat ma kienx prezenti.

Illi l-Qorti tat digriet fit-12 ta' April, 2000 fejn laqghet it-talba tad-difiza u ordnat lill-Prosekuzzjoni sabiex tibda bis-smigh tal-provi taghha.

Ikkunsidrat :

Illi l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza fis-26 ta' Gunju, 2002. Fit-3 ta' Dicembru, 2002 deher l-imputat mhux assistit u l-Qorti ghamlitha cara illi jekk fis-seduta ta' wara d-difiza ma kienitx ser tressaq il-provi kollha taghha, l-Qorti kienet sejra tghaddi ghas-sentenza.

Fis-seduta tal-20 ta' Dicembru, 2002, deher l-Avukat difensur ta' l-imputat flimkien ma l-imputat, u l-Prosekuzzjoni u d-Difiza talbu differiment sabiex jirregolaw ruhhom.

Fis-seduta tal-15 ta’ Jannar, 2003 xehed l-imputat minn jeddu u bil-gurament.

Illi fit-18 ta’ Marzu, 2003, l-Avukat difensur talab ftit aktar zmien sabiex jipprepara d-difiza tieghu. Fil-5 ta’ Gunju, 2003, il-kawza giet differita fuq talba tal-Prosekuzzjoni u l-istess gara fl-24 ta’ Settembru, 2003.

Illi fl-4 ta’ Dicembru, 2003, il-kawza giet differita fuq talba tad-difiza. Fl-4 ta’ Marzu, 2004, Dr Mario DeMarco imsejjah tlett darbiet ma deherx, izda l-imputat deher. Il-Qorti ghamlet referenza ghall-verbal taghha tat-3 ta’ Dicembru 2002 u halliet il-kawza ghas-sentenza ghat-2 ta’ Gunju, 2004.

Illi Dr Mario DeMarco ipprezenta rikors ghan-nom ta’ l-imputat fit-12 ta’ Marzu 2004 fejn talab lill-Qorti sabiex ma tghaddix ghas-sentenza u tawtorizzah iressaq il-provi tad-difiza finali u jittratta fis-seduta ahharija u cioe’ fis-seduta ta’ wara. Il-Qorti, wara li ordnat notifika lill-Ufficjal Prosekutur, illi ma sabx oggezzjoni, laqghet it-talba tad-difiza, b’dana illi d-difiza inghatat l-ahhar differiment ghas-seduta tat-29 ta’ April, 2004, b’dan illi jekk dakinhar jibqa ma jsir xejn, il-kawza tmur ghas-sentenza, u dana permezz ta’ digriet tal-Qorti tas-16 ta’ Marzu, 2004.

Illi fid-29 ta’ April, 2004, deher l-imputat assistit minn Dr DeMarco, u Dr DeMarco rega’ talab l-ahhar differiment sabiex jirregola ruhu. Il-Qorti laqghet din it-talba pero’ ghamlitha cara li dan kien ser ikun l-ahhar differiment li kienet ser takkorda lid-difiza. Il-kawza giet differita ghall-20 ta’ Mejju, 2004 u dakinhar deher l-imputat u Dr Mario DeMarco imsejjah tlett darbiet ma deherx. Il-Qorti ghamlet referenza ghad-digriet taghha tas-16 ta’ Marzu, 2004, ghad-digriet taghha tad-29 ta’ April, 2004 u irrilevat illi d-difiza kienet abbuzat serjament mill-opportunitajiet kollha illi tatha il-Qorti sabiex tipprezenta l-kaz taghha. Il-Qorti irrilevat illi l-kawza giet istitwita f’Novembru, 1999 u ghalhekk assolutament ma kienitx ser takkorda aktar differimenti u telf ta’ zmien u halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-9 ta’ Settembru, 2004.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-26 ta’ Lulju, 1998 ghall-habta tas-1.30 ta’ wara nofsinhar, il-pulizija tad-distrett gew infurmati mill-Control Room illi kien inqala argument f’Mount Carmel Street, B’Kara. Il-pulizija tad-distrett flimkien mal-pulizija tal-mobile squad marru fuq il-post u bdew ifittxu lil certu Noel Farrugia, ta’ tmintax il-sena. Wara illi l-Control Room infurmaw lill-pulizija tad-distrett illi x’aktarx illi Noel Farrugia kellu fuqu arma tan-nar, il-pulizija tal-mobile komplew bit-tfitxxija ta’ Noel Farrugia, sabuh, arrestaw u wassluh l-ghassa tal-pulizija ta’ B’Kara. Saru diversi tfittxijiet ghall-arma, izda l-pulizija din l-arma ma sabithiex.

Illi PS 589 u PC 1358 marru d-dar tal-persuna li kienet ghamlet ir-rapport, u cioe’ l-imputat fuq imsemmi, u l-imputat qal lill-pulizija illi wara argument it-tifel tieghu kien telaq mid-dar u wara xi ghaxar minuti irritorna u l-imputat ra lill-ibnu b’arma tan-nar u rah jispara tir fit-triq u jitlaq mill-post bil-karozza tieghu. Gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr Noel Cuschieri u saret inkjesta Magisterjali.

Illi l-Ispettur Simon Galea, fis-26 ta’ Lulju, 1998, kellem lil Noel Farrugia, wara li tah is-solita twissija fl-ufficju tieghu tal-ghassa ta’ Birkirkara. Noel Farrugia cahad illi qatt kellu arma, jew li qatt kien spara. Huwa spjega illi kellu l-problema tad-droga.

Illi fl-istess gurnata l-Ispettur Galea kellem ukoll lill-imputat fuq isemmi li ma riedx jaghmel stqarrija. Izda, Josephine Farrugia, omm Noel Farrugia riedet tixhed, inghatat is-solita twissija, u ikkonfermat li kien hemm xi argument id-dar, izda qalet illi qatt ma rat lil binha b’xi arma, jew semghet xi tir ta’ arma tan-nar. Hija qalet illi binha kellu l-problema tad-droga u xtaqet tghinu.

Illi l-investigazzjonijiet komplew minn naha tas-CID mill-Ispettur John Sacco illi kellem ukoll lil xi persuni.

Illi kienet saret seduta fil-31 ta’ Lulju, 1998 mill-Perit mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, Hugh Camilleri, fil-fond

Farrugia House, Triq Carmelo Brincat, Birkirkara, u l-imputat kien prezenti waqt din is-seduta u bil-gurament tieghu xehed hekk : “Rigward l-incident li gara nhar il-Hadd 26 ta’ Lulju, 1998, dwar dak li intqal fuq l-arma nghid li din jien ivvintajtha biex jittiehdu passi kontra t-tifel tieghi. L-istorbju gara veru. Jien naf li fuq l-istorbju biss mhux ser jarrestawh, pero’ fuq arma jigi arrestat. Jien nixtieq li jinqabad u jinghata xi programm tad-droga”.

Illi l-Ispettur Simon Galea ma kienx prezenti meta l-imputat ta din ix-xhieda tieghu quddiem Hugh Camilleri. L-Ispettur Galea xehed ukoll illi irrizultalu illi effettivament it-tifel tal-imputat kellu l-problema tad-droga.

Illi xehed PS 589, Anthony Deguara, u qal illi dakinhar in kwistjoni kien mar fuq il-post fejn kellem lill-imputat illi kien qallu illi kellu argument ma ibnu Noel u illi kien telaq minn fuq il-post, u ghaxar minuti wara irritorna b’senter ikkargat u kien spara xi warning shots. Meta PS 589 kellem lil Noel Farrugia dan cahad illi qatt kellu xi arma tan-nar. Saret tfittxija fil-vettura tieghu, izda arma qatt ma instabet. L-imputat kien qalilhom illi ibnu kien qed jikkagunalu il-problemi peress illi kien jabbuza mid-droga.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat xehed minn jeddu u bil-gurament f’dawn il-proceduri u qal illi fiz-zmien in kwistjoni kien sar rapport fil-konfront ta’ ibnu Noel u dan ir-rapport kien sar mill-mara tieghu u mit-tifla tieghu u mill-gharus taghha, illi illum jigi r-ragel tat-tifla tieghu. Huwa qal illi dan jafu ghaliex qalitulu l-mara tieghu, wara illi kienet diga ghamlet ir-rapport. Sussegwentement, gew il-pulizija, u hu ikkonferma r-rapport li kienet ghamlet martu sabiex ma jiksirx il-kelma ta’ l-istess martu. L-imputat kompla jixhed illi fiz-zmien in kwistjoni ibnu kien ghaddej minn problema serja tad-droga, huwa beda jaqlalhom hafna inkwiet fid-dar u dana xi hmistax il-gurnata qabel ma kellha tizzewweg it-tifla taghhom. Huwa qal pero’ illi l-inkwiet li kien ghamel it-tifel dakinhar in kwistjoni ma kienx sar fil-prezenza tieghu, izda fil-prezenza ta’ martu illi kienet cemplet lill-pulizija, u ghamlet ir-rapport illi ghamlet bil-ghan illi t-tifel jigi arrestat

mill-pulizija u forsi jigi imgieghel mill-Qorti sabiex jibda xi programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga. L-imputat xehed illi huwa kien id-dar meta gew il-pulizija. Il-pulizija staqsewh x'kien gara u meta bdew ikellmuhom il-pulizija it-tifla infurmatu illi fil-frattemp hi kienet marret l-ghassa ta' Birkirkara. Meta gimgha wara kien gie ghandu l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti huwa kien ha t-tort kollu fuqu sabiex jipprotegi lill-martu u dakinhar kien qal lill-espert mahtur mill-Qorti illi minn dak illi allegatament kien gara effettivament ma kien gara xejn. L-imputat kompla jixhed illi kien gej it-tieg tat-tifla tieghu u hu ma riedx inkwiet fil-familja u kien ghalhekk illi ghamel dak illi ghamel. Huwa qal illi kien qal lill-espert mahtur mill-Qorti illi ma kien veru xejn u li ma kienx veru li ibnu kien uza xi arma. L-imputat iddikjara illi jiddispjacih hafna ta' dak illi gara u ta' l-inkonvenjent illi holoq lill-pulizija. Pero', huwa lill-espert mill-ewwel qallu li ma kienx veru. Huwa xehed ukoll illi kien ma ghamel l-ebda kwerela bil-miktub lill-pulizija u lanqas ma mar ghand xi avukat sabiex jaghmillu xi kwerela fis-sens illi ibnu dakinhar kien uza xi arma tan-nar.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rapport ta' l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, Joseph Zammit, minn fejn jirrizulta illi wara li l-pulizija ta' Birkirkara ircevew ir-rapport, dakinhar ta' l-incident, mart l-imputat kienet qalet lill-pulizija illi ahjar jarrestaw lil binha u ma jitilquhx minhabba it-tieg ta' ohtu. L-imputat u martu gew mitkellma mill-pulizija u l-imputat iddeskriva l-arma li suppost kellu ibnu dakinhar bhala senter isserrat tan-nikel. Izda fix-xhieda tieghu quddiem Joseph Zammit, l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, l-imputat qal illi huwa missier Noel u illi din ta' l-arma kien hu li ivvintaha biex il-pulizija tiehu l-passi opportuni kontra ibnu. Kien sar storbju, izda kien jaf li fuq hekk biss il-pulizija ma kienitx ser tarresta lill-ibnu. L-iskop kien illi ibnu jinghata programm ghaliex l-affarijiet illi kien ghamel ma kienux normali. Josephine Farrugia, mart l-imputat, kienet xehdet illi binha Noel gieli kellu xi argumenti maghha u ma ohtu. Hija kienet kelmet ukoll lill-psikjatra Dr Vella Baldacchino u kienu ser ikellmu lill-

Ispettur u dakinhar filghodu cemplu lil xi hadd biex jghinhom bil-problema li kellhom bit-tifel. Hija qalet illi meta t-tifel ikun f'siktu ma jkunx vjolenti, izda meta jigi wiccu ahmar isir aggressiv.

Iben l-imputat qal lill-pulizija illi huwa disokkupat u li dakinhar ta' l-incident kien dahal id-dar ta' ommu u kellu xi jghid ma l-gharus ta' ohtu. Kienu ser jispiccaw fl-idejn, izda zammewhom, u ghalhekk hu u martu telqu 'il barra. Wara xi ghoxrin minuta regghu gew lura u meta habbat ma fethulux. Huwa beda jaqbez fuq il-karozza ta' l-gharus ta' ohtu u tela bil-wieqfa fuqha. Hareg ghalih missieru, l-imputat, u hu harab bil-karozza, izda induna li warajh kien hemm karozza tal-pulizija. Ghalhekk baqa sejjer ghand missier il-mara. Meta dahlu gewwa, habbat il-bieb, u gie is-Surgent Urpani, illi staqsih ghall-arma u dahal ifittex. Huwa qal illi armi ma kellux. Dwar il-problema illi kellu tad-droga huwa qal illi kien jiehu l-eroina u meta jiehu d-droga dejjem jorqod u kien jixtriha minn fejn il-bandli ta' l-iskola ta' San Gorg Hal-Qormi.

Illi Ritienne Farrugia, bint l-imputat qalet lill-pulizija illi huha kien jheddidha u kien jghidilha li kien ser jirvinalha t-tieg taghha. Bint l-istess imputat qalet illi ommha kienet cemplet l-ghassa minhabba l-incident li kien inqala bejnha u bejn huha u dana peress illi huha kien heddidha illi jirvinalha t-tieg. Hija kompliet tghid lill-pulizija illi meta rega' gie huha, semghu tlett ihsejjes barra.

Illi Joseph Zammit fir-rapport tieghu lill-Magistrat Inkwirenti, ikkonkluda illi ma irrizulta minn imkien illi iben l-imputat kien uza xi arma tan-nar dakinhar in kwistjoni ghaliex ma instab l-ebda gunshot residue fuq il-persuna ta' Noel Farrugia u lanqas fil-vettura tieghu. Lanqas ma insabtu xi skratacc. Is-Sur Zammit ikkonkluda wkoll illi l-fatt illi l-imputat iddeskriva l-arma lill-pulizija wkoll mhux indikativ ghaliex ghall-ewwel l-imputat ma xehedx pero' wara qal illi dan il-fatt kien ivvintah hu. Is-Sur Zammit ikkonkluda wkoll illi mart l-imputat, Josephine Farrugia, innegat illi semmiet xi arma u qalet illi jekk ghamlet hekk kienet ecitata. Is-Sur Zammit qal illi jifhem lil mart l-imputat illi kienet ecitata dak il-hin.

Illi effettivament irrizulta minn dan kollu illi l-Ispettur Neil Harrison ha hsieb illi Noel Farrugia jibda programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga, minghajr ma fil-fatt ittiehdu proceduri kriminali kontra Noel Farrugia.

Illi dwar il-fatt illi issemmiet arma tan-nar minn Charles Farrugia u minn Josephine Farrugia, Joseph Zammit, l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, ikkonkluda illi ghalkemm prima facie jidher rapport falz, hawn hekk tirrizulta konfliggenza fix-xhieda, l-ewwel nett ghaliex Josephine Farrugia qalet illi ma ratx arma, u jekk semmiet arma ghamlet hekk biss fi stat ta’ paniku u anke Charles Farrugia ammetta li din ta’ l-arma kienet finta. Kienet x’kienet, provi ma instabux, u il-pulizija agixxiet biss fuq din l-informazzjoni li ta Charles Farrugia. Hawnhekk Joseph Zammit irrileva illi kemm Josephine u anke Ritienne jistghu ma jixhdux kontra missierhom. Barra minn hekk Noel jista wkoll ma jixhidx ghax jinkrimina ruhu. Hawn hekk wiehed irid jara l-intenzjoni ghaliex l-imputat semma l-arma li ma jidhirx li kienet malinna, izda kienet intiza biss sabiex il-pulizija jarrestawh u jiehdu passi anke dwar id-droga.

Illi dan kollu gie konkluz mill-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, Joseph Zammit.

Illi is-Sur Zammit ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu illi jhoss illi mensrea kienet nieqsa minn dak l-element kriminali u l-intenzjoni kienet wahda tajba u ghalhekk ma jhossx illi hemm lok ghall-azzjoni kriminali f’dan is-sens.

Illi jirrizulta ghalhekk b’mod ampju illi l-istess espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti issottometta illi l-imputat, meta semma s-senter lill-pulizija ma ghamilx hekk b’intenzjoni malizjuza, izda biss sabiex il-pulizija tghin lill-ibnu jghin il-problema li kellu tad-droga.

Illi, mill-istess xhieda tal-pulizija, u senjatament ta’ PS 1021 Joseph Urpani, irrizulta illi ma kienx l-imputat biss illi semma l-arma, izda anke martu, bintu u l-gharus ta’ bintu. Is-Surgent Urpani xehed ukoll illi mart l-imputat mhux talli

qalet lill-pulizija sabiex jarrestaw lil binha, izda sabiex izommuh arrestat sa kemm jghaddi t-tieg ta’ bintha.

Illi jirrizulta wkoll effettivament illi, meta xehed quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, l-imputat mal-ewwel ammetta illi dik ta’ l-arma kienet storja li kien ivvintaha sabiex ibnu jinghata l-ghajnuna u jibda l-programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

Illi jirrizulta effettivament illi mart l-imputat irrilaxxjat stqarrija lill-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti fejn qalet illi kienet hi li cemplet l-ghassa tal-pulizija ghaliex riedet li binha jinghata l-ghajnuna u wkoll bdiet tibza li ser jinqala’ l-inkwiet fit-tieg ta’ bintha.  Mistoqsija dwar arma, hija qalet illi ma qalet xejn lill-pulizija dwar arma u li jekk semmiet l-arma ghamlet hekk ghaliex kienet mitlufa minn sensiha.

Illi bint l-imputat ukoll irrilaxxjat stqarrija fis-sens illi meta huha kien rega irritorna d-dar taghhom semghet tlett ihsejjes barra.  Pero’ qalet illi ma tafx tiddeskrivi l-hoss kif kien.

Illi John Camilleri, li dak iz-zmien kien l-gharus tat-tifla tal-imputat, irrilaxxja stqarrija lill-pulizija, fejn fost affarijiet ohrajn, qal illi semgha lill-mart l-imputat iccempel l-ghassa tal-pulizija u qaltilhom “ejjew ghax qed jisparaw,” u ghalhekk hawn hekk ukoll ghandna konferma illi kienet mart l-imputat illi semmiet l-arma mal-pulizija l-ewwel u mhux l-imputat.

Ikkunsidrat  :

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat bir-reati ikkontemplati fl-Artikoli 101 u 110 tal-Kap. 9.

Illi sabiex jissussisti xi wiehed minn dawn iz-zewg reati jew it-tnejn li huma irid jigi ippruvat illi l-imputat ghamel dak illi ghamel bl-intenzjoni doluza, jigifieri trid tigi ippruvata il-mens rea.

Illi l-imputat, meta ghamel dak illi ghamel, certament ma kellu l-ebda intenzjoni sabiex jaghmel hsara lill-ibnu u lanqas ma kellu l-intenzjoni illi jaghmel dak illi ghamel sabiex b'hekk ibnu jista jigi kontra s-sewwa akkuzat jew misjub hati ta' reat.

Illi li kieku l-imputat kellu din l-intenzjoni, certament ma kienx mal-ewwel opportunita illi kellu jammetti bil-gurament tieghu quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti illi ibnu ma kellu l-ebda arma tan-nar u addirittura jammetti illi hu ghamel dak illi ghamel biex ibnu jigi mghejjun mill-pulizija sabiex jibda programm ta' riabilitazzjoni mid-droga.

Illi mhux talli ma tirrizultax il-mens rea, izda jirrizulta wkoll illi l-ideja illi jghidu lill-pulizija illi binhom kien armat kienet ta' mart l-imputat u mhux ta' l-imputat u dana ghaliex bdiet tippanikja li binha kien jirvina t-tieg ta' binthom.

Illi l-istess espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti wkoll kien tal-fehma illi ma kellhom jittiehdu l-ebda passi kontra l-imputat fuq imsemmi peress illi ma kienitx tirrizulta l-mens rea.  Izda, ghal xi raguni li din il-Qorti ma tistax tifhimha, il-pulizija ghazlet illi tiehu passi kontra l-imputat.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti, filwaqt illi tiddikjara illi l-pulizija ma irnexxielhiex tipprova l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, tiddikjarah mhux hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet, u qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------